# IL-FTEHIM PARZJALI DWAR IL-MOBILITÀ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ PERMEZZ TAL-KARTA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Paċi
koeżjoni soċjali
djalogu interkulturali
parteċipazzjoni
drittijiet tal-bniedem
ċittadinanza demokratika
riċerka

Żvilupp
tal-politika
taż-żgħażagħ

partial agreement on youth mobility through the EUROPEAN YOUTH CARD

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE




## X'INHU FTEHIM PARZJALI:

Ftehim Parzjali huwa forma partikolari ta' kooperazzjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa. Jippermetti lill-Istati Membri li jissieħbu jew li jastjenu minn xi attivita' imressqa minn Stati membri oħra. Mil-lat statutorju, Ftehim Parzjali jibqa' attivita' tal-Organizzazzjoni bl-istess mod bħal attivitajiet oħra ta' programm. L-eċċezzjoni tinsab fil-fatt li Ftehim Parzjali għandu l-baġit u l-metodi ta' ħidma tiegħu stess li huma mfasslin biss mill-membri tal-Ftehim Parzjali infushom.

## IL-FTEHIM PARZJALI DWAR IL-MOBILITA' TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ PERMEZZ TAL-KARTA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:

Dan huwa ftehim parzjali miftuħ, jiġifieri stati - mhux membri tal-Kunsill tal-Ewropa jew li mhumiex partijiet għall-Konvenzjoni Kulturali Ewropeja -għandhom id-dritt li jingħaqdu miegħu (ara aktar hawn taħt).

Il-Ftehim Parzjali huwa parti mid-Dipartiment taż-Żgħażagħ tal-Kunsill tal-Ewropa u b'hekk isegwi l-prijoritajiet u l-għanijiet kemm tas-settur taż-żgħażagħ kif ukoll tal-Kunsill tal-Ewropa b'mod ġenerali.

## GĦANIJIET:

### 1. Żvilupp tal-iskema tal-Karta taż-Żgħażagħ

Inħoloq fl-1991 u l-Istatut tiegħu jiddikjara: "Il-Ftehim Parzjali għandu jkun immirat biex jiżviluppa l-iskema tal-Karta taż-Żgħażagħ, partikolarment fil-livell Ewropew fl-aħjar interessi taż-żgħażagħ [...] bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-mobilita' tagħhom kif ukoll l-aċċess tagħhom għad-diversi prodotti u servizzi meħtieġa għall-iżvilupp personali u kulturali tagħhom." Kull min għandu anqas minn 30 sena jista' jkollu l-karta taż-żgħażagħ - żagħżugħ m'għandux għalfejn ikun student jew residenti ta' pajjiż Ewropew.

Il-karti taż-żgħażagħ jipprovdu aċċess taż-żgħażagħ - residenti jew vjaġġaturi - għal konsulenza, skontijiet, u benefiċċji fl-oqsma tal-mobilita', akkommodazzjoni, kultura, korsijiet tal-lingwa u servizzi u prodotti kemm on-line (skont il-kategorija, belt jew pajjiż) kif ukoll off-line. Tingħata ħafna attenzjoni għall-iżvilupp tal-kwalità u għal-livell tal-kwalita' tas-servizzi pprovduti għal impatt pożittiv fit-tul.

### 2. L-iżvilupp ta' politika taż-żgħażagħ aħjar ma' u għall-gvernijiet membri

It-tieni għan huwa li jilqa' għall-interessi u l-ħtiġijiet tal-gvernijiet membri dwar il-mobilita' taż-żgħażagħ u kwistjonijiet dwar il-karti taż-żgħażagħ. Il-programm tax-xogħol huwa mfassal b'tali mod li jrawwem u jippromwovi l-għarfien dwar dawn il-kwistjonijiet, jaqsam l-aħjar prassi u b'hekk joffri soluzzjonijiet ta' politika aħjar (seminars, workshops, simpożji, eċċ.). Dawn l-attivitajiet huma segwiti minn Pubblikazzjonijiet tal-Aħjar Prassi u rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi lill-istati membri u organizzazzjonijiet nazzjonali li huma membri tal-EYCA.

Il-programm ta' ħidma huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni minn stati barra l-Ftehim Parzjali, għas-spejjeż tagħhom. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-istati membri hija kollha mħallsa.

Firxa wiesgħa ta' partijiet interessati tiġi attivata għal dak il-għan: gvernijiet, istituzzjonijiet Ewropej,

komunita' tan-negozju, esperti, akkademiċi, NGOs taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet nazzjonali tal-karti taż-żgħażagħ kif ukoll detenturi tal-karti żgħażagħ infushom. Għalhekk, l-istati membri kemm jikkontribwixxu b'mod attiv u kif ukoll jibbenefikaw mill-għarfien espert tal-Ftehim Parzjali.

## KIF JAĦDEM:

Il-programm ta' attivitajiet huwa ssorveljat minn Bord ta' Koordinazzjoni magħmul minn 17-il membru:

- 8 rappreżentanti tal-istati membri tal-Ftehim Parzjali maħtura mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa;
- 8 membri tal-Assoċjazzjoni Ewropeja tal-Karta taż-Żgħażagħ maħtura minn din tal-aħħar;
- rappreżentant maħtur mill-Kunsill Konsultattiv dwar iż-Żgħażagħ mingħajr id-dritt tal-vot.

Il-programm ta' ħidma tal-Ftehim Parzjali huwa implimentat b'kooperazzjoni mal-Assoċjazzjoni Ewropeja tal-Karta taż-Żgħażagħ, EYCA.
Hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qliegh imwaqqfa fl-1987. Tirrappreżenta 'il fuq minn 40 organizzazzjoni nazzjonali tal-karti taż-żgħażagħ madwar l-Ewropa b'aktar minn 5 miljun karta li qed jintużaw. Il-membri kollha tal-EYCA impenjaw ruħhom li jippromwovu l-mobilita' taż-żgħażagħ individwalment u kollettivament, stil ta' ħajja b'saħħtu u ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ.

## PROĊEDURA GĦAL SĦUBIJA FIL-FTEHIM PARZJALI:

### Għall-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-istati li huma parti għall-Konvenzjoni Kulturali Ewropeja:

Dawn l-istati membri jistgħu jissieħbu fil-Ftehim Parzjali fi kwalunkwe ħin billi sempliċement jagħmlu dikjarazzjoni f'dan is-sens lis-Segretarju Ġenerali. Dan jikkonsisti f'li tintbagħat ittra uffiċjali jew nota verbali mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin jew mir-Rappreżentant Permanenti tal-pajjiż lill-Kunsill tal-Ewropa indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## Għal stati barra l-Kunsill tal-Ewropa u li mhumiex parti mill-Konvenzjoni Kulturali Ewropea:

Euroopa Noortekaardi Ühenduse ja Osalise
Fuq proposta mill-Assoċjazzjoni Ewropeja tal-Karta taż-Żgħażagħ u l-Bord tal-Koordinazzjoni tal-Ftehim Parzjali, il-Kumitat tal-Ministri jista' jistieden kwalunkwe Stat mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa biex jissieħeb fil-Ftehim Parzjali, wara l-konsultazzjoni ta' kwalunkwe stat mhux membru li diġà jkun qed jipparteċipaw.

## Il-Kunsill tal-Ewropa

Il-Kunsill tal-Ewropa hija organizzazzjoni politika Pan-Ewropeja mwaqqfa fl-1949 biex tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali, il-paċi, d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa. Huwa jiżviluppa tweġibiet komuni għal sfidi komuni fl-oqsma kollha tal-ħajja tal-bniedem ħlief fl-oqsma ekonomiċi u militari. Il-Kunsill tal-Ewropa jgħodd 47 stat membru, u 50 stat – membru tal-Konvenzjoni Kulturali Ewropea, u jħaddan 820 miljun Ewropew.

## Is-settur taż-żgħażagħ tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-Kunsill tal-Ewropa jappoġġja r-rwol attiv taż-żgħażagħ fis-soċjeta' permezz ta' diversi attivitajiet Ewropej, kemm permezz ta' kooperazzjoni intergovernattiva, kif ukoll attivitajiet ta' taħriġ u edukattivi għal u maż-żgħażagħ, NGOs u mexxejja taż-żgħażagħ. Iċ-Ċentri taż-Żgħażagħ Ewropej fi Strasburgu u f'Budapest, il-Fondazzjoni taż-Żgħażagħ Ewropej u l-Ftehim Parzjali dwar il-Mobilita' taż-Żgħażagħ permezz tal-Karta taż-Żgħażagħ huma strumenti essenzjali biex jitwettqu dawn l-attivitajiet.

## KUNTATT FIS-SEGRETARJAT TAL-KUNSILL TA 'L-EWROPA

Direttorat tal-Parteċipazzjoni Demokratika
Dipartiment taż-Żgħażagħ (Bini Agora
Taqsima tal-Politika taż-Żgħażagħ
Ftehim Parzjali dwar il-Mobilita' taż Żgħażagħ permezz tal-Youth Card

F-67075 Strasburgu Cedex
Tel.:+33 (0)3 88 41 29 98

**youthmobility@coe.int**
**https://www.coe.int/en/web/youth/youth-mobility**

Prems 074121

MLT

**www.coe.int**

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-dritiijiet tal- bniedem. Iħaddan 47 stat membru li jinkludu l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropeja.L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropeja Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa trattat li l-għan tiegħu huwa l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal- Bniedem tħares l-implementazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istati membri.

partial agreement on youth mobility through the EUROPEAN YOUTH CARD

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE